MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2012

Citazzjoni Numru. 123/2010

Kawza fil-lista: 41

**BC**
**vs**
**VC f' isimha proprju u**
**bhala kuratrici ad litem tal-minuri RC;**
**u d-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ppremetta u talab hekk:

1. Illi kif jidher skont l-att tat-twelid li jgib in-numru tal-iskrizzjoni 3536 tal-2009 (Dokument A), mart l-esponent weldet tarbija li nghatat l-isem R fl-14 ta' Ottubru, 2009.

2. Illi t-tifla hawn fuq imsemmija m'hijix il-wild tal-esponent, izda twieldet minn relazzjoni li l-istess martu kienet bdiet ma' terza persuna.

Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li t-tifla R mwielda, kif fuq jinghad, fl-14 ta' Ottubru, 2009, m' hijix il-wild tal-esponent BC; u

2. Tordna konsegwentement illi fl-att tat-twelid tal-istess tifla R jsiru l-korrezzjonijiet opportuni;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti ngunti in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur konvenut li permezz taghha, wara li ssolleva eccezzjoni ta' natura proceduralí li sussegwentement giet irtirata fl-udjenza tal-10 ta' Novembru 2011, irrefera ghall-artikolu 70 [1] u [3] tal-Kap.16;

Rat li fl-udjenza tal-21 ta' Marzu 2012 il-konvenuta VC kkonfermat bil-gurament li minn Marzu 2007 'il quddiem ma kellhiex relazzjonijet intimi mal-attur;

Rat l-Avviz mahrug fil-Gazzetta tal-Gvern;

Rat r-rapport xjentifiku tad-DNA prezentat mill-Ispizjara Dottoressa Marisa Cassar;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz tal-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li t-tifla R, li twieldet mill-konvenuta VC fl-14 ta' Ottubru 2009 u li fuq l-att tat-twelid taghha bin-numru 3536/09 giet registrata bhala

bintu, mhijiex fil-fatt il-wild naturali tieghu;  kif ukoll sabiex tordna l-korrezzjonijiet necessarji fl-imsemmi att tat-twelid.

Illi dak premess u mitlub jinsab konfermat miz-zewg partijiet, u konfermat mir-rizultanzi xjentifici tat-testijiet tad-DNA;  ghalhekk it-talbiet huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa’ t-talbiet attrici, u tiddikjara li t-tifla R li twieldet mill-konvenuta VC fl-14 ta’ Ottubru 2009 mhijiex il-wild naturali u bijologika tal-attur, u konsegwentement tordna d-debiti korrezzjonijet fl-imsemmi att tat-twelid

Spejjez a kariku tal-konvenuta VC.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------